## KRITIKA LETTERARJA

Agħmel apprezzament letterarju dettaljat ta' din is-silta

"Illum l-aħħar hawn," qaltli, "ser immorru noqogħdu fl-isqaq."

L-isqaq kien daqs tefgħa ta' ġebla bogħod mit-triq fejn konna noqogħdu. Imma f'dan l-isqaq jien qatt ma kont għadni rsaqt, u ma kont għadni naf xejn bl-uċuħ ġodda u l-ħbieb li kelli nagħmilha magħhom. U meta morna hemm ħassejt bħal diqa f'qalbi: dak id-djuq, dik l-art imħarbta, dawk il-ħitan għolja għolja miżgħuda bit-twieqi li minnhom kienu ħierġa għal nofs l-isqaq bċejjeċ ta' l-għewied twal u mdendla magħhom ħwejjeġ ta' l-ilbies ta' kull lewn, tfal ħafjin jilagħbu u jwerżqu, tal-ħaxix bil-karettun bil-ħmar f'ras l-isqaq jgħajjat b'ħanġra daqsiex, u nisa mit-twieqi u mill-bibien jgħajtu huma wkoll kemm jifilħu. U biex ikomplu f'din is-sinfonija ta' għajat kien hemm ukoll il-klieb jinbħu u jiġġieldu. Sa gallinari bit-tiġieġ barra l-bibien kien hemm!

Din kienet il-laqgħa li sibna kif wasalna fl-isqaq. Ħassejt imsarni jinżlu f'saqajja meta rajt fiex u fejn kont sejjer ngħix. Min qatt kellu jgħidli dak in-nhar li hemmhekk, f'dak is-swied ta' qalb, f'dik it-triq fejn id-dawl tax-xemx ftit jimraħ, qalb dawk in-nies li dak il-waqt kollha rajthom uċuħ il-forka, hemmhekk kelli nqatta' sittin sena u fuqhom!

Id-dar il-ġdida kienet żgħira. Żgħira ħafna għall-familja li konna. Żewġ gabubiet isfel, oħra fuq, u bejt. Xejn aktar. Imma dik kienet ix-xorti li missitna, u kellna nintrabtu magħha bla tgergir xejn.

Ommi nagħtihielkom b'mara li kellha karattru sod. Għal dawk id-daqqiet tal-ħajja taħsbux li hi bkiet jew li hi b'xi mod ċediet u nfixlet x'ser tagħmel. Kienet taf li ż-żmien li ġej kien iebes ħafna għaliha u għalina; b'danakollu ħejjiet ruħha għal kulma kien sejjer jinqala' u meddet għonqha hi għax-xogħol biex iġġib lili u lil ħuti l-biċċa ħobż x'nieklu kuljum. Kien xogħol iebes dak tagħha, għax meta trid min-nies il-ħobża jitimgħuhielek imrar.

Meta missieri miet, ommi kienet qaltli li, billi jien kont il-kbir, kelli jien naħdem għall-familja. Imma kont għadni żgħir wisq biex dan jien stajt nagħmlu, u ommi dak il-mument qaltli hekk sforz id-dwejjaq li kellha fuqha. Ix-xogħol kien għaliha. Jien kelli noqgħod id-dar u nieħu ħsieb ħuti li kienu għadhom żgħar.

(minn *L-Isqaq* ta' Ġużè Chetcuti)